25 ta' Settembru, 1954

Imħallef :
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija
*versus*
Il-Wisq Nobbli Baruni Jerome Depiro D'Amico Inguanez

**Traffiku — Daqq tal-Horn — Reg. 78 tal-Motor Car Regulations — G.N. 24 tal-1948**

***Fis-sewqan ta' vejikoli tal-mutur mhux permess li jsiru ħsejjes bil-horn jew b'mezzi oħra, jekk dawk il-ħsejjes ma jkunux meħtieġa. Din il-ħtieġa għandha tiġi korrelatata mat-traffiku; b'mod li ma hemmx kontravvenzjoni tal-liġi (a) meta l-horn jindaqq għax ikun hemm l-obbligu li jindaqq, jew (b) meta wieħed idoqq il-horn għal xi skop raġjonevoli li jkollu relazzjoni maċ-ċirkustanzi kontinġenti li jkunu ppreżentaw ruħhom waqt iċ-ċirkolazzjoni.***

Il-Qorti — Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Baruni Depiro D'Amico Inguanez talli f'Sarria Street, Floriana, fit-28 ta' April, 1954, għal xi l-11.20 a.m., waqt li kien isuq car 4133, għamel ħsejjes bla bżonn billi daqq il-horn meta ma kienx neċessarju;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-ewwel ta' Lulju, 1954, li biha l-imputat instab ħati u ġie kundannat għall-ammenda ta' 5s.;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li tiġi rewokata u li jiġi liberat;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjoni odjerna tinstab bażata fuq it-tieni paragrafu tar-regolament numru 78 tar-"Regulations regarding Motor Vehicles", publikati bil-Government Notice 24 ta' l-1948, li jgħid hekk: "No person shall make, or cause, or permit to be made, any unnecessary noise with the horn or other warning device";

Issa, huwa ċar illi l-kelma deċiżiva f'dan ir-regolament hija l-kelma "unnecessary". Huwa ugwalment ċar li din il-kelma ma tistax tiġi korrettament interpretata jekk ma tiġix "korrelatata mat-traffiku": għas-sempliċi raguni li dan hu regolament tat-traffiku, u kwindi, f'materja ta' interpretazzjoni, għandu jiġi segwit il-prinċipju illi, fl-interpretazzjoni ta' dawk li jissejħu "general words", għandu jiġi preferut is-sens "in which they best harmonise with the subject of the enactment and the object which the legislator had in view" (ara Maxwell, Interpretation of Statutes, p. 52). Għalhekk, ladarba dan hu regolament tat-traffiku stradali, u ladarba l-iskop tal-legislatur kien li jiġu evitati ħsejjes mhux konnessi mat-traffiku, jiġi, bħala konsegwenza, li ma hemmx kontravvenzjoni tal-liġi (a) meta horn jindaqq għax ikun hemm l-obligu li jindaqq, jew (b) meta wieħed idoqq il-horn għal xi skop raġjonevoli; li jkollu relazzjoni maċ-ċirkustanzi kontinġenti li jkunu pprezentaw ruħhom waqt iċ-ċirkolazzjoni;

Hi għalhekk aktar preċiża d-dispożizzjoni tal-kodiċi stradali Taljan, li tgħid hekk: "E' proibito ai conducenti di servizi, senza necessità inerenti alla circolazione, nelle città e nei villaggi, delle segnalazioni acustiche". Il-kliem "inerenti alla circolazione" juru ċar li l-kriterju distintiv hu appuntu jekk in-neċessità tkunx inerenti ma' l-inċidenti tat-traffiku. Tant illi il-Professur Alfredo Zannitti Piromallo, fl-opera tiegħu "Commento alle Leggi sulla Tutela delle Strade e della Circolazione", fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar dan ir-regolament partikulari, jgħid: "Donde deriva che l'uso delle segnalazioni sia illecito quando si verifichi 'fuori' od 'oltre' il bisogno";

Eżempju tipiku ta' daqq ta' horn bla bżonn, jew oltre l-bżonn, u bla ebda konnessjoni mat-traffiku, huwa dak ta' bniedem li jieqaf, per eżempju, ħdejn dar, u jibda jdoqq il-

horn biex jawża lill-persuni li qegħdin ġewwa d-dar li huwa wasal; jew ta' min idoqq il-horn għal sempliċi divertiment, kif, per eżempju, jiġri sfortunatament ta' spiss hawn Malta, partikolarment fil-ħdud u festi, fix-xhur tas-sajf, meta x-charabancs tax-xalati jgħaddu, speċjalment minn San Ġiljan u Tas-Sliema, u meramenti għall-pjaċir, jew suppost pjaċir tagħhom, ilħala parti mix-xalata, idoqqu kontinwament bla ma jaqtgħu l-horn tal-karrozza;

Premessa din l-espożizzjoni ta' l-aspett ġuridiku, huwa xieraq illi l-Qorti tara x'inhoma l-fatti tal-każ:

Dwar il-fatti hemm tliet depożizzjonijiet, vwoldiri dik tas-Suprintendent tal-Pulizija Xuereb, dik tal-Kuntistabbli Sammut, u dik li fuq talba tiegħu stess ta l-imputat;

Fuq il-pont rilevanti ta' l-inċident, is-Sup. Xuereb jgħid illi, fil-waqt li ċertu numru ta' vejikoli kienu mwaqqfin ħdejn Sarrija, il-Furjana, millli jippreseġwu minħabba "rehearsals" li kienu qegħdin isiru in konnessjoni mal-viżita imminenti tal-Maestà Tagħhom r-Reġina, fosthom il-car ta' l-appellant, dana beda jdoqq il-horn, u avviċinah allura l-Kuntistabbli Sammut, u kellmu. Kompla jgħid, is-Suprintendent Xuereb, illi, kif il-Kuntistabbli Sammut telaq l-appellant, dana reġa' beda jdoqq il-horn. Rikjamat mill-Qorti, is-Supt. Xuereb qal li meta l-imputat reġa' beda jdoqq il-horn, fit-tieni okkażjoni, il-Kuntistabbli Sammut kien illarga biss xi żewġ passi jew pass wieħed mill-appellant, imma kien għadu (kif esprima ruħu x-xhud) "close";

Il-Kuntistabbli Sammut, dejjem fuq il-pont rilevanti ta' din il-kawża, jgħid li fl-okkażjoni fuq imsemmija l-imputat daqq il-horn, u huwa avviċinah u spjegalu li t-traffiku kien miżmum. Kompla jgħid, fit-tieni xhieda tiegħu, illi l-imputat reġa daqq il-horn, mhux meta hu kien bogħod minnu xi pass jew tnejn, imma wara li hu kien diġà ħa postu u kien distanti mill-imputat għat-tul ta' din l-awla kriminali u ftit;

Id-diskrepanza bejn iż-żewġ versjonijiet hija serja. Infatti, jekk l-imputat daqq il-horn għat-tieni darba immedjatament wara li l-Kuntistabbli Sammut kellmu, u meta dan il-

kuntistabbli kien għadu illarga minnu xi pass jew tnejn, allura d-daqq tal-ħorn ma setgħax kien ġustifikat; mentri jekk l-imputat daqq il-ħorn wara ċertu intervall ta' żmien, meta l-Kuntistabbli Sammut kien ġa laħaq postu, allura jista' jkun illi d-daqq tal-horn għat-tieni darba seta' kien konness malkontinġenzi tat-traffiku provviżorjament sospiż;

L-appellant fix-xhieda tiegħu qal illi, peress li huwa kien jinsab fin-neċessità urġenti li jmur l-Isptar Ċentrali, daqq il-horn, meta ġie minimum it-traffiku, biex jirrikjama l-attenzjoni tal-Kuntistabbli Sammut. Kompla jgħid li dan il-kuntistabbli avviċinah u spjegalu r-raġuni l-għala t-traffiku kien sospiż, u l-appellant kien sodisfatt b'dina l-ispjegazzjoni. L-appellant eskluda reċiżament li daqq il-horn għat-tieni darba;

Dan l-istat tal-provi jinġenera ċertu konflitt li jġib dubju serju jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova li l-imputat daqq il-ħorn bla bżonn u bla ebda konnessjoni mat-traffiku. Infatti, jekk il-Kuntistabbli Sammut spjega lill-appellant irraġuni tat-twaqqif tat-traffiku, ma hux verosimili li dan jerġa' jdoqq il-horn propju meta l-kuntistabbli kien tbiegħed minnu pass jew tnejn;

Jekk l-appellant reġa' daqq il-horn wara li l-kuntistabbli kien ġa laħaq postu, allura d-daqq tal-horn seta' kien motivat bil-kontinġenzi varjabili tat-traffiku f'ċirkustanzi simili. Jekk l-appellant daqq il-horn f'okkażjoni waħda biss, hu ċert li dina kienet sempliċi rikjam ta' l-attenzjoni tal-Kuntistabbli Sammut, li appuntu fehemha ħhala rikjam, tant illi mar jispjega lill-appellant il-għala t-traffiku kien minimum;

F'dawn iċ-ċirkutanzi l-imputazzjoni ma ssibx il-bażi tagħha fil-liġi;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.